MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 49/2006

Mobisle Communications Limited [C24655]

vs

Bogdanovic Danjiel

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta’ attrici li jghid hekk :

“Jintalab illi l-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta’ mitejn u sebghin lira maltija u dsatax il-centezmu (Lm270.19) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 182805 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana ghax-xhur bejn Novembru 2005 u Marzu 2006.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-27 ta’ Settembru 2006, dawk tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut giet debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fis-16 ta’ Jannar 2007, u baqa’ ma dahhal ebda risposta u lanqas ma deher personalment ghall-udjenzi tat-23 ta’ Frar 2007, tal-1 ta’ Marzu 2007, u tas-7 ta’ Marzu 2007.

Sema’ lill-Avukat Dottor Robert Tuffigno bil-gurament fl-udjenza tal-1 ta’ Marzu 2007, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba huwa dovut lis-socjeta’ attrici mill-konvenut, u li baqa’ ma giex saldat.

Fl-udjenza tas-7 ta’ Marzu 2007, gew miftuha l-kapitoli u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, baqa’ ma deherx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sebghin Liri Maltin u dsatax il-centezmi (Lm270.19) skond l-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data ta’ meta gew rezi s-servizzi msemmija sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha kemm dawk konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici kif ukoll tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2006, u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mal-Avviz tat-talba, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------